MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Numru 697/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**vs**

**---------Omissis-----------**

**Roderick Montesin ta' 23 sena, iben Emanuel u Gaetana nee Magri, mwieled Pieta fil-05 ta' Frar 1988, residenti gewwa Binja Hesri, ent E, Flt 5, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi u detentur tal-karta ta' identita bin-numru 79588M**

**Melvin Montesin ta' 21 sena, iben Emanuel u Gaetana nee Magri, mwieled Pieta fl-14 ta' Jannar 1990, residenti gewwa Binja Hesri, ent E, Flt 5, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi u detentur tal-karta ta' identita bin-numru 762690M**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat li gew akkuzati talli nhar it-03 ta’ Gunju 2011, ghal habta tat-tmienja u nofs ta’ filghaxija (20:30 hrs), gewwa Triq it-Tigrija, Marsa, ikkommettew serq minn gewwa BTY Scaffoldings Ltd, ghad-danu tas-sidien u diretturi tal-istess kumpanija, liema delitt huwa ikkwalifika bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux elfejn tliet mija u disgha  u ghoxrin ewrou disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bil-hin;

Lil Roderick Montesin u Melvin Montesin wahidhom akkuzati wkoll talli gewwa l-Marsa u fi bnadi ohra gewwa dawn il-Gzejjer  huma naqsu milli jharsu xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqhom mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintano LL.D. fid-digriet tieghu datat 26 ta’ Marsu 2010 li bih inghataw l-helsien mill-arrest;

Lil Roderick Montesin u Melvin Montesin wahidhom akkuzati wkoll bi ksur tal-Probation a tenur tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 mal-Ligijiet ta’ Malta fejn kienu gew misjuba hatja b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u liberati bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu;

Lil Roderick Montesin wahdu akkuzat ukoll bi ksur tal-Probation talli irrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-artikoi 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula kif ukoll talli wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali;

Semghet lill-imputati jiddkjaraw li m’ghandhox oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputati liema ammissjoni giet rifaffermata wara li li l-Qorti tghathom zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputati l-Qorti ma tistghax hlief issibhom hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfornt taghhom.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmula mill-imputati u l-fatt illi l-imputati ghandhom bzonn l-ghajnuna biex jeghlbu l-vizzju tad-droga kif iddikjarat il-Probation Officer li qed issegwihom. Illi fir-rigward tat-3 akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat Melvin Montesin u cioe dwar il-ksur tal-Ordni tal-Probation l-imputat kien diga gie trattat dwar dan b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tad-29 ta' Novembru, 2010 u kwindi l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-akkuza.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 261(c)(f), 267, 270, 279(a), 280(1), 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet , l-artikoli 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront tal-imputat Roderick Montesin biss l-artikolu 23 u 24 tal-Kapitolu 456 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-3 akkuza fil-konfront ta' l-imputat Melvin Montesin, issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannahom ghall-perjodu ta' tminn xhur prigunerija.

Fil-konfront tal-imputat Melvin Montesin il-Qorti qed testendi s-sentenza sospiza mghotija fil-konfront tieghu fid-29 ta' Novembru, 2010, mill-Qorti tal-Magistrati, ta' sena prigunerija sospiza ghal tlett (3) snin, ghal tlett (3) snin ohra li ghandhom jibdew jiddekorru mil-lum b'zieda mal-kundizzjonijiet illi l-imputat ghandu jiehu l-kura kollha li jenhtieg ghall-vizzju tad-droga u dan kif tidderegih l-Ufficjal tal-Probation.

Fil-konfront ta’ l-imputat Roderick Monteesin il-Qorti tordna illi l-Ordni ta’ Probation imposta fuqu b’sentenza tad-29 ta’ Novembru, 2010 mghotija mill-Qorti tal-Magistrati ghandha tibqa’ fis-sehh u b’zieda mal-kundizzjonijiet illi l-hati ghandu jiehu l-ghajnuna kollha li jenhtieg ghall-vizzju tad-droga u dana kif tidderegieh l-Ufficjal tal-Probation.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------